# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**<u>DIGRIET KAMERALI</u>**

**Illum 27 ta' April 2022**

Fl-atti tat-Talba Nru: **77/2021JG**

Fl-ismijiet

**Maria Zammit (ID 0386163(M))**

**Vs**

**Mark Galea (ID 0371376(M))**

It-Tribunal;

Ra r-rikors tal-10 ta' Jannar 2022 permezz ta' liema l-konvenut talba li dan il-port jippermetti li l-perit *ex parte* tiegħu jaċċedi ġewwa l-fond tal-attriċi sabiex jirrelata dwar l-allegati ħsarat mertu ta' dawn il-proċeduri;

Ra dak li seħħ fis-seduta tat-18 ta' Jannar 2022 fejn, wara li dan it-Tribunal spjega l-kontenut tar-rikors hawn fuq imsemmi lill-attriċi (li qiegħda tidher f'dawn il-proċeduri mingħajr l-assistenza t'avukat), hija oġġezzjonat għal din it-talba;

Ra l-atti proċesswali kollha;

**Ikkunsidra**

Illi essenzjalment, dawn il-proċeduri jikkonċernaw allegati ħsarat li seħħew fil-fond tal-attriċi waqt kostruzzjoni magħmul mill-konvenut. Dwar dan, apparti xhieda, l-attriċi eżebiet rapport *ex parte*.

Illi dak li qiegħed jiġi mitlub huwa jekk il-perit *ex parte* tal-konvenut jistax jaċċedi direttament fil-fond tal-attriċi sabiex hu wkoll jistabbilixxi kemm jekk hemm dawn il-ħsarat jeżistu, minn fejn ġejjin (jew ġew) u x'inhi l-entitá tagħhom.

Illi jrid jingħad li r-rikors tal-konvenut ma jindika l-ebda artikolu tal-liġi li jifforma l-bażi tat-talba tiegħu.

Illi minn qari tal-Kapitolu 380 tal-Liġijiet ta' Malta, (kif ukoll il-Liġi Sussidjarja 380.01) ma jirriżultax li dan it-Tribunal għandu l-poter li jilqá t-talba kif dedotta. Ukoll, b'mod sussidjarju, il-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta huwa sieket fuq dan l-aspett. Fejn il-liġi riedet li tkun tista tintalab il-mezz ta' prova li tinsab f'idejn il-parti l-oħra, ġiet stabbilita liġi u proċedura sħiħa għal dan[1]. Hekk ukoll, għal dak li jikkonċerna l-possibilitá t'aċċess[2], din il-proċedura tiskatta biss b'ħatra ta' perit tal-Qorti.

---

[1] Issir per eżempju referenza għall-hekk imsejjħa *actio ad exhibendum* kif kodifikata fl-artikoli 637 *et seq* tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.
[2] Artikoli 644 *et seq* tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi għalhekk, għalkemm dan it-Tribunal jifhem l-għan wara t-talba tal-konvenut, ma jistax jilqá l-istess u jinsab kostrett jiċħadha.

Għal dawn il-motivi it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi billi jiċħad t-talba magħmula fir-rikors tal-10 ta' Jannar 2022.

L-ispejjeż ta' dan l-episodju huma riżervati għal-ġudizzju finali.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur